# *KUNSILL LOKALI MARSA*

**Tmien Legislatura**

*Minuti tat-tnejn u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 15 ta' Frar 2017 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-sitta ta' filgħaxija (6.00pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-wieħed u għoxrin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 25 ta' Jannar 2017.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Cameras ġew installati matul il-gimgħa li għaddiet kif kien ippjanat.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġibet l-attenzjoni tal-Kunsilliera dwar nuqqas zgħir fil-Minuti ta' Diċembru 2016 fejn kien hemm inkluż biss iċ-ċifra ta' Triq Dr Ġużeppi Zammit, filwaqt li kien hemm bżonn li tiżdied iċ-ċifra ta' Triq is-Salib li hija ta' €17,029.51.

3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li bħal lum gimgħa ilu ġie ffirmat l-*Memorandum of Understanding* bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru tal-Ambjent, Żvillup Sostenibbli u Tibdil fil-Klima. Madanakollu, sal-lum il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda pagament, li għandhu jikkonsisti min €22,500 li jingħataw f'pagament wieħed u €7500 li jingħataw aktar il-quddiem.

## *4. Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mis-26 ta' Jannar sal-15 ta' Frar 2017*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Paroċċa Trinita' Qaddisa qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam ta' paġna bil-kulur għall-prezz ta' €200 fil-fuljett li jiġi ppublikat kull sena għal żmien il-festa. Il-vot favur kien wieħed unanimu filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Pagaent Group Marija Regina qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklam fuq il-ktieb li jiswa €295 u jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel il-logo tal-Kunsill fuq il-Billboard li din tiswa €118. Il-vot favur kien wieħed unanimu filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa qed tistaqsi l-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam fil-pubblikazzjonijiet li ser joħorġu waqt il-Kunċert ta' Mużika Sagra li ser jiġi organizzat f'April bi prezz ta' €250. Il-vot favur kien wieħed unanimu filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda.

## *5. Schedule of Payments 2/17*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *6. Purchase Order 4371-4381*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4371 sa 4381 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request  3346-3356*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3346 sa 3356 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom.  Is-Sur Frank Zammit issekonda.  Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Financial Statements 2016*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fis-sitta' u nofs ta' filgħaxija talab lir-rappresentanti ta' Robert Borg & Associates Ltd jidħlu fis-seduta u jressqu d-dettalji tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali għall-matul is-sena 2016. Hawnhekk rajna li l-ispiża tal-Kunsill naqas sostanzjalment matul is-sena 2016 hekk meta mqabbel mas-sena 2015. Dan hekk kif kien hemm tnaqqis fil-ħruġ relatat mall-pagi u fi spejjeż amministrattivi oħra filwaqt li l-figuri fuq il-loans baqgħu fl-istess livelli ma dawn irreġistrati fis-sena ta' qabel.  Sadanittant il-Capital Commitments huma ta' €78,800 li huma spejagti f'aktar dettal fl-Estimi Annwali 2017. Fuq nota pozzitiva, ġie rrimarkat li l-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali tal-Marsa huwa wieħed pozzitiv ferm hekk kif l-assi tal-Kunsill huwa aktar min miljun u mitt elf ewro. Il-Kunsill approva unanimament dan  ir-rapport finanzjarju, filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda.

## 9. *Estimi Annwali 2017*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Accountant tal-Kunsill sabiex iressqu l-Estimi Annwali ta' din is-sena. Hawnhekk ġie spjegat li l-Estimi Annwali jinħadmu fuq id-dħul li l-Gvern Ċentrali jkun alloka lill-Kunsill. Hawnhekk ġie nnotat li filwaqt li l-ispejjeż tal-Kunsill dejjem qegħdin jiżdiedu, d-dħul ma żdied xejn mill-allokazzjoni finanzjarja. Dan hekk kif matul din is-sena huma ser jitlestu numru ta' proġetti kapitali fosthom il-kisi bit-tarmak ta' parti min Triq is-Salib (€17,029.51), Triq Dr Guseppi Zammit (€7,810.71), kif ukoll Triq it-Tiġrija (€54,000) fost proġetti oħra relatati mall-irranġar tal-bankini fil-lokalita' li ser ikunu jammontaw għall-€24,500. B'hekk l-infieq għall-din is-sena mistenni jkun ta' €78,500 filwaqt li fl-allokazjoni finanzjara l-Kunsill ser jieħu €70,000. Il-Kunsill approva unanimament dawn l-Estimi Annwali kif ippreżentati, filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda.

## 10. *Financial Commitment Report October – December 2016*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Quarterly Report ta' bejn Ottubru u Diċembru tas-sena 2016 ser jiġi pprezentat lill-Membri tal-Kunsill fis-seduta li jmiss.

## *11. Diskussjoni dwar l-Ambjent*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq proposta lill-Membri tal-Kunsill dwar il-possibilita' li jkun hemm diskussjoni dwar l-ambjent fil-bini tal-Kunsill Lokali u fil-preżenza tal-Kunsilliera tal-lokal ma l-għola rappresentanti politici sew min naħa tal-Gvern kif ukoll min naħa tal-Oppożizzjoni. Il-vot favur din il-proposta kien wieħed unanimu, filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda.

## *12. Abbozz ta' Liġi Lokali dwar konsum ta' Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono pprezenta lill-Kunsilliera Abbozz ta' Ligi dwar il-Konsum ta' Alkohol f'Postijiet Pubbliċi. Dan l-abbozz irid l-ewwel jiġi ffinalizzat, approvat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ikun hemm avviż għall-pubbliku, Laqgħa Pubblika, jridu jiġu nfurmati l-ħwienet fejn jinxtara x-xorb, jitwaħħlu tabbelli u jiġu nfurmati l-Pulizija li hemm din il-liġi fil-Kunsill tal-Marsa. Hawnhekk is-Sindku spjega li jrid ikun emfasi fuq fejn hemm bżonn li tkun indirizzata l-problema. Il-Kunsilliera komplew mad-diskussjoni u kien hemm qbil unanimu li l-klawsola numru 6b għandha titlaq mill-Abbozz. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda.

12.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsilliera li peres li hemm ħafna xogħol xi jsir biex din il-liġi tiġi konkluża, fil-bidu ta' Marzu ser inpoġġu r-reklam fuq il-gazzetti sabiex ħames gimgħat wara ikun hemm Laqgħa Pubblika kif mitlub mill-liġi u dan ser isir fil-5 t'April li ġej wara l-Laqgħa tal-Kunsill li ser tibda fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-vot favur kien unanimu, il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda.

12.3 Sadanittant, l-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer qal li fl-Abbozz iridu jiġu eżentati l-ħwienet liċenzjati bl-imwejjed fil-lokalita'. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit ma qabilx hekk kif tenna li liġi għandha tkun tgħodd kullimkien. Madanakollu, kien hemm qbil li dawn id-dettalji jistaw jiġu ndirizzati aktar il-quddiem.

## *13. Tneħħija ta' Karozzi abbandunati*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar il-Kunsill li qed jirċievi għadd ta' ilmenti dwar karozzi bla liċenzja u li qed jiġu abbandunati fiz-zona ta' Albertown. Hemm bżonn li jsiru avviżi fil-ġurnali u jitweħħlu tabelli sabiex dawn il-karozzi jiġu skrappjati. Il-vot favur kien unanimu, il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer issekonda.

## 14. Landscaping ta’ Bankina f’Marsa Road

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta ritratt ta’ Marsa Road sabiex jipproponi tibdiliet fil-bankina u dwar iż-żieda ta’ centre strip biex tirregola t-traffiku. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma din il-proposta. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda.

## 15. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera

15.1 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit qal li l-ispazju għall-karozzi fil-car park ta’ Triq San Franġisk huma kbar iktar min normal. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-ispazju għall-parking bays tal-karozzi ġie mkejjel fuq standards stabbiliti, jiġifieri ta’ ħames metri l-wieħed.

15.2 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer qal li reġgħu avviċinawħ persuni jilmentaw dwar ħruġ ta’ ilma għal ġo Triq Zerafa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill diġa nforma lill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun, iżda peres li għadu ma sar xejn il-Kunsill ser jgħaddi dan l-ilment direttament lis-Sanita’.

14.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi rċieva ilment min resident ta’ Triq Zerafa fejn qed isib ħafna ħsara fil-mutur tiegħu minħabba li qed jkun ipparkjat f’parking bay ta’ karozza. Huwa xtaq jitlob lill-Kunsill Lokali dwar il-possibilita’ li jkun hemm parking bays ta’ muturi. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ser jitlob il-kuntrattur jagħmel parking bays tal-muturi kif mixtieq.

14.4 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer staqsa jekk huwiex possibli sabiex ikun hemm aktar informazzjoni dwar talb Iżlamiku li qed isir f’propjeta’ privata fil-limiti tal-Marsa viċin il-Ħamrun hekk kif qed ikun hemm għadd kbir ta’ nies li qed jintaqgħu hemm mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Pulizija. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li ser jinvestiga l-każ.

## 16. Aġġornament tal-Laqgħa

16.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 15 ta’ Marzu 2017 fis-sitta’ ta’ filgħaxija (6.00pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-Tmienja ta’ filgħaxija (8.00pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

15 ta’ Marzu 2017